

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

7.5.2008

0039/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Urszula Krupa, Witold Tomczak  
dwar l-appoġġ għall-ħarsien tal-ħajja

Data ta' skadenza: 9.9.2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-appoġġ għall-ħarsien tal-ħajja**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-prinċipju tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-dritt għall-ħajja,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem u d-dikjarazzjoni tad-drittijiet tat-tfal tan-Nazzjonijiet Uniti,
  - wara li kkunsidra l-enċiklika “Evangelium Vitae” tal-Papa Ġwanni Pawlu II,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- A. billi d-dritt għall-ħajja – sa mill-bidu tagħha sal-mument tal-mewta naturali – hija dritt naturali ta’ kull bniedem,
- B. billi s-Santa Sede twettaq sforzi bil-għan li jiġi adottat moratorju fuq il-prattika ta’ l-abortion,
- C. billi fi ħdan l-Unjoni Ewropea ġew imfassla diversi programmi li jggarantixxu l-istess dritt għall-edukazzjoni u għall-kura medika, għan-nondiskriminazzjoni, għall-ħarsien tat-tfal kif ukoll għall-miżuri li jikkumbattu kontra l-kummerċ tat-tfal u kontra l-vjolenza fir-rigward tagħhom,
- D. billi l-Ewropa hija ffaċċjata minn sfidi demografiċi serji kif ukoll minn waqgħa fil-għadd ta’ twelidijiet,
1. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, notevolment dawk ġuridiċi, bil-għan li jiġi mħares id-dritt għall-ħajja, b’mod partikulari d-dritt għall-ħajja tat-tfal li għadhom ma twildux u tat-tfal morda;
  2. jitlob lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-Kunsill ta’ l-Ewropa biex, fil-livell internazzjonali, tiżgura s-salvagwardja tad-dritt għall-ħajja, mill-bidu tagħha sal-mument tal-mewta naturali;
  3. jikkundanna kull miżura li ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem, indipendentement mill-istadju li fih tintervjeni, b’mod partikulari f’dak li jikkonċerna t-tfal li għadhom ma twildux u t-tfal morda;
  4. jinsab imħasseb minħabba l-modifiki fil-leġislazzjoni favur il-legalizzazzjoni ta’ l-abortion li jirriżultaw mill-pressjoni magħmula minn rappreżentanti ta’ gruppi favur l-abortion;
  5. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma’ l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Parlamenti ta’ l-Istati Membri.